MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2007

Numru 101/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kenneth Cutajar**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kenneth Cutajar talli bi ksur tal-kondizzjoni tal-licenzja li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet ai termini ta' l-Artikolu [recte: regolament] 15(1) ta' l-Avviz Legali 128 tat-2002, fit-13 ta' Settembru 2006, ghal habta ta' 20:00hrs barra l-istabbiliment L'Aragosta Restaurant, Triq ix-Xtut, Marsalforn, Ghawdex, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet barra l-ispazju permess mil-licenzja; u dan ukoll bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzji ta' stabbiliment li jipprovdi l-ikel (licence reference CE/0946 & P/Z/9/82) l-Artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409, skond Artikolu [recte: regolament] 23(1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2002;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta’ Frar 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Kenneth Cutajar hati skond l-imputazzjoni kif dedotta, ikkundannatu multa ta’ hames mitt lira (Lm500) u ordnatlu sabiex jikkonforma ruhu mal-licenzja fi zmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Kenneth Cutajar, minnu prezentat fit-12 ta’ Marzu 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2007; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tliet aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens illi huwa ma kienx id-detentur tal-licenzja mahruga fir-rigward ta’ l-istabbiliment “L-Aragosta Restaurant” u ghalhekk ma kienx applikabbli ghalih il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 43 tal-Kap. 409. Skond l-appellant anqas huwa applikabbli r-regolament 15 tal-A.L. 128/2002 peress li din id-disposizzjoni wkoll tapplika biss ghad-detentur tal-licenzja. In pessima ipotezi l-appellant jghid li l-piena ghall-ksur tar-regolament 15(1) hija dik ta’ hamsin lira skond ir-regolament 23(3) ta’ l-istess regolamenti, u mhux il-piena kontemplata fl-Artikolu 43 tal-Kap. 409. It-tieni aggravju hu li ma ngabietx l-ahjar prova, ossia pjanta li turi ezatt fejn kien mikri biex jitqieghdu l-imwejjed halli wiehed ikun jista’ jistabilixxi liema u kemm kienu l-imwejjed barra l-ispazju permess. Fl-ahhar nett l-appellant jilmenta li, galadarba l-licenzja ma kienitx f’ismu, huwa ma setax jigi kkundannat jikkonforma ruhhu maghha.

Kwantu ghat-tielet aggravju, dana huwa wiehed altament fieragh. Mid-deposizzjoni cara u dettaljata ta’ Jonathan Cuschieri jirrizulta bla ebda ombra ta’ dubbju li l-appellant, fid-data in kwistjoni, kien qieghed jew ippermetta li jitqieghdu quddiem l-istabbiliment L-Aragosta Restaurant xejn anqas minn hmistax-il mejta barra mis-seba’ metri kwadri li kienu koncessi fil-licenzja bhala *encroachment* biex fuqhom jitqieghdu mwejjed u siggijiet. Fil-fehma tal-Qorti tali prova la kienet tirrikjedi xi kejl li jista’ jsir biss

minn arkitett u inginier civili jew minn *agrimensore*, u anqas kienet tirrikjedi pjanti jew ritratti mill-ajru jew bis-satellita. Inoltre, skond l-istess Cuschieri, l-appellant, li kien effettivament qed jiggestixxi r-*restaurant*, kien ammetta mieghu li dawk il-hmistax-il mejda ma kienux koperti b'licenzja, tant li semmielu li kien hemm xi applikazzjoni pendenti fir-rigward.

Dwar l-aggravji l-ohra, pero`, l-appellant ghandu ragun, ghall-anqas in parti. Galadarba l-licenzja ma kienitx mahruga f'ismu u anqas irrizulta li kellu licenzja ta' *substitute*, l-Artikolu 43(1)(b), invokat mill-prosekuzzjoni, ma japplikax ghalih. Din id-disposizzjoni tapplika biss fil-kaz ta' "min…ikollu licenzja…" u jonqos li jhares xi kondizzjoni taghha jew restrizzjoni fiha imposta. Mill-provi jirrizulta li l-appellant ma kellu ebda licenzja; il-licenzja kienet fuq isem Emanuel Cutajar, u l-appellant kienet il-persuna li regolarment tmexxi ossia tiggestixxi r-*restaurant*. L-appellant, pero`, m'ghandux ragun meta jghid li r-regolament 15 tal-A.L. 128/2002 ma japplikax f'dan il-kaz. L-ewwel *proviso* tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jipprovdi testwalment hekk: ***"Izda l-ksur ta' xi kundizzjoni ta' licenzja li ghandha x'taqsam mat-tqeghid ta' mwejjed, siggiejiet jew affarijiet ohra jew partijiet minnhom minn detentur ta' licenzja <u>jew minn xi persuna ohra jew minn xi agenti li jagixxu bl-awtorita` tad-detentur</u> f'xi spazju imsemmi, ghandu wkoll, ghall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti"*** (sottolinear ta' din il-Qorti). Kjarament l-appellant kien kemm "persuna ohra" kif ukoll persuna li qed tagixxi "bl-awtorita` tad-detentur". Ir-regolament 23(3), imbaghad, jistabilixxi illi "kull persuna" – u ghalhekk mhux biss id-detentur tal-licenzja jew is-*substitute* licenzjat – li jonqos milli jhares id-disposizzjonijiet tar-regolament 15(1) jehel "multa ta' hamsin lira ghal kull ksur". Ifisser ghalhekk li l-appellant kellu jigi kkundannat hamsin lira u nhux hames mitt lira.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-ordni biex il-hati jikkonforma ruhhu mal-licenzja, hawn ukoll din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun. Ghalkemm is-

subartikolu (2) tal-Artikolu 43 tal-Kap. 409 ma kienx japplika – u dan peress li ma kienx japplika ghall-appellant il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 43 – kien japplika ghalih is-subartikolu (3) tal-Artikolu 377 tal-Kodici Kriminali. Huwa veru li l-ewwel qorti ma kienitx obbligata li ssemmi dana l-Artikolu 377(3) fis-sentenza taghha – din mhix disposizzjoni li "tikkontempla r-reat" ghall-fini tal-Artikolu 382 tal-Kap. 9, izda tikkontempla konsegwenza tas-sejbien ta' htija dwar reat. Pero` biex din id-disposizzjoni tista' tkun applikata[1], l-ewwel qorti kellha tistabilixxi l-penali *per diem* f'kaz ta' nuqqas ta' ottemperanza. L-ewwel qorti dan ma ghamlitux u ghalhekk ma jistax jitqies li kien verament qed jigi applikat l-imsemmi subartikolu (3) tal-Artikolu 377.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant instab hati tal-ksur tar-regolament 15(1) tal-A.L. 128/2002, thassarha u tirrevokaha fil-bqija (cioe` fejn gie misjub hati ta' ksur tal-Artikolu 43(1)(b)), fejn gie kkundannat multa ta' hames mitt lira, u fejn gie ordnat li jikkonforma ruhhu mal-licenzja fi zmien tlett xhur), u minflok il-piena erogata mill-ewwel qorti tikkundanna lill-appellant Kenneth Cutajar multa ta' hamsin lira (Lm50), konvertibbli f'ghaxart (10) ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] U hekk jidher ukoll li hu l-kaz fir-rigward tal-Art. 43(2) tal-Kap. 409.